# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**Artikoli 392A, 261(b) u (ċ); 278(1) u (2); u 325(1)(ċ); 533 tal-Kodiċi Kriminali; Artikolu 7 tal-Kapitolu 446**

**MAĠISTRAT**
**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

## Sentenza

**Il-Pulizija**
**vs**
**Dion Lia**

Illum, 24 ta' April 2017

Il-Qorti,

Rat li l-imputat DION LIA, ta' 19 –il sena, [...] karta ta' l-identità numru 222997M tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-18 ta' April 2017, ġewwa Galea Flat 6, Triq Tommaso Dingli, Bitkirkara u/jew bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' diversi oġġetti ghad-detriment ta' *Charmaine (Carmela) Sant, Khaled Awad, Shana Sant* u/jew persuni oħra, liema serq hu kwalifikat kemm bil-'valur', fejn il-valur tal-ħaġa misruqa ma hux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u kif ukoll bil-'mezz'.

2. Volontarjament saret ħsara, ġiet magħmula ħsara jew ġew mgħarrqa ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' *Charmaine (Carmela) Sant, Khaled Awad, Shana Sant* u/jew persuni oħra, fejn l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) iżda huwa aktar minn tlieta u għoxrin ewro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

3. Irrenda ruhu reċidiv b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma fil-21 ta' April, 2017 minn din il-Qorti bħala Qorti Istruttorja l-imputat Dion Lia ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu;

Rat id-dokumenti esibiti mill-prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u għalhekk dawn huma sodisfaċentement ippruvati;

Illi stante l-ammissjoni, japplika l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk il-Qorti setgħet tipproċedi għall-għoti ta' din is-sentenza bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali;

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tagħhom jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri; l-eta` żgħira tal-imputat; it-trobbija tiegħu bħala l-ewwel wild minn familja numeruża bi problemi soċjali; u r-rieda tiegħu li jirriforma ruħu;

Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b) u (ċ); 278(1) u (2); u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat Dion Lia ħati tal-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu u peress illi tqis li l-prigunerija effettiva m'hix idonea ghall-akkadut, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin millum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannt ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Billi ma nħatru l-ebda esperti m'hemmx il-ħtieġa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, kif ukoll lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.

Dr. Grazio Mercieca
Magistrat